MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2010

Talba Numru. 915/2010

**VODAFONE Malta Limited – C10865**

**vs**

**SAED Karen – ID322279M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu l-konvenuta giet miltuba thallas is-somma ta’ elef tlieta u sebghin ewro u hamsa u tletin centezmu (€1,073.35), rapprezentanti ammont dovut lis-socjeta` attrici bhala hlas ta’ servizzi prodotti provduti lill-istess intimata abbazi ta’ ftehim bejn il-kontendenti, u dan kif jirrizulta minn dokumenti mmarkati bhala Dok “A” u Dok “B”; fejn l-intimata giet intelpalleta diversi drabi sabiex tifettwa l-pagament izda baqghet inadempjenti ghal tali talba u ghalhekk l-amont ghadu dovut sallum. Bl-ispejjez intuzat ghal-Mandat ta’ Sekwestru bin-numru 2460/2010 u bl-imghax legali mid-data ta’ dan l-avviz sad-data tal-

pagament effettiv kontra l-konvenuta li hija minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li ghalkemm il-konvenuta giet notifikata ma pprezentatx risposta; madanakollu dehret fis-seduta tal-15 ta’ Ottubru u talbet differiment sabiex tirregola ruhha dwar l-ammont reklamat.

Ra in-nota ta’ riduzzjoni li giet ipprezentata mis-socjeta` attrici fis-seduta tad-29 ta’ Ottubru, 2010, li in forza taghha t-talba giet ridotta ghas-somma ta’ sitt mija u hames ewro u sebgha u hamsin centezmu (€605.57).

Il-konvenuta prezenti ghas-seduta tallum 29 ta’ Ottubru 2010 giet informatha b’ din ir-riduzzjoni fit-talba. Il-konvenuta ddikjarat li dan l-ammont ta’ sitt mija u hames ewro u sebgha u hamsin centezmu (€605.57) huwa effettivament dovut.

Illi fid-dawl ta’ tali ammissjoni it-Tribunal qed jghaddi ghas-sentenza: fic-cirkostanzi t-Tribunal qed jilqa’ it-talba tas-socjeta` attrici kif ridotta u ghalhekk il-konvenuta qieghda tigi kkundannata thalls is-somma ta’ sitt mija u hames ewro u sebgha u hamsin centezmu (€605.57) bl-imghax mid-data tal-prezentata ta’ l-avviz u bl-ispejjez kontra l-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------